# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 10 ta' Marzu 2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Ahmed Abdi Mohamed**

Detentur tan-numru tal-pulizija 19R-040

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Ahmed Abdi Mohamed** li ġie akkużat talli nhar d-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00hrs) u d-disa' u kwart ta' filgħodu (09:15hrs), ġewwa Triq Santu Wistin, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Mustafa Mohamud Mohamed, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Mustafa Mohamud Mohamed, u ċioe' offiża ta' natura gravi, u dan hekk kif iċċertifikat minn Dr. U. Usurua (Med. Reġ. 8320),

2. Aktar talli fl-istess fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti proċesswali l-oħra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, hija sodisfatta li dawn ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi ai fini ta' piena l-Qorti evalwat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali u l-ħsara mġarrba mill-vittma ta' dan l-inċident.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 49, 50, 214, 215, 216 tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara lill-imputat **Ahmed Abdi Mohamed** ħati, bħala reċidiv, tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva.**

In oltre l-Qorti qiegħda toħroġ Ordni ta' Trazzin ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-ħati u dana sabiex jiġi kawtelat Mustafa Mohamud Mohamed għal żmien tliet (3) snin mil-lum u dana bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti llum stess u li jifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**